

Brussell, 15 ta' Lulju 2019  
(OR. en)

10895/19

ONU 76  
CONUN 91  
COHOM 87  
CFSP/PESC 556  
COPS 218  
CSDP/PSDC 339  
CONOP 70  
COTER 91  
DEVGEN 141  
SUSTDEV 102  
ENV 675  
CLIMA 205  
COHAFA 64  
MIGR 108  
CODUN 20

#### **EŻITU TAL-PROCĊEDIMENTI**

---

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Delegazzjonijiet
Nru. dok. preċ.: 10891/19	
Suġġett:	Prijoritajiet tal-UE fin-Nazzjonijiet Uniti u l-74 Assemblea Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti (Settembru 2019 – Settembru 2020)

---

Id-delegazzjonijiet isibu fl-anness il-prijoritajiet tal-UE fin-Nazzjonijiet Uniti u fl-74 Assemblea Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti (Settembru 2019 - Settembru 2020), kif adottati mill-Kunsill fit-3709 laqgħa tiegħu li saret fil-15 ta' Lulju 2019.

## **Il-prijoritajiet tal-UE fin-Nazzjonijiet Uniti u l-74 Assemblea Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti, Settembru 2019 – Settembru 2020**

### **Il-promozzjoni tal-multilateraliżmu u l-appoġġ għal Organizzazzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti b'ħajja ġdida**

1. L-Unjoni Ewropea hija msieħba indispensabbli tan-Nazzjonijiet Uniti biex tippromwovi u ssaħħaħ il-multilateraliżmu u l-ordni internazzjonali bbażat fuq ir-regoli. Fi żmien ta' frammentazzjoni u polarizzazzjoni, is-sħubija b'saħħitha bejn l-UE u n-NU fit-tmexxija 'l quddiem u t-tfassil tal-aġenda multilaterali hija meħtieġa aktar minn qatt qabel. L-impenn komuni tagħna għal dinja aktar paċifika, kooperattiva u ġusta huwa msejjes fuq **il-valuri komuni tagħna** - il-paċi, id-demokrazija, id-drittijiet tal-bniedem, l-istat tad-dritt, l-ugwaljanza bejn l-irġiel u n-nisa, l-iżvilupp sostenibbli - kif ukoll fuq **l-impenn profond tal-UE għal multilateraliżmu effettiv**.
2. F'dawn l-aħħar snin, **l-UE intensifikat l-involviment tagħha** bħala attur globali u qed **issarraġ l-multilateraliżmu f'azzjoni**, f'konformità mal-Istrateġija Globali tal-Unjoni Ewropea għall-Politika Ewropea u ta' Sigurtà u l-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-azzjoni tal-UE biex issaħħaħ il-multilateraliżmu bbażat fuq ir-regoli. F'Settembru 2018, l-UE u n-NU kkonfermaw l-approfondiment tas-sħubija tagħhom f'diversi oqsma u issa qed jaħdmu biex jimplimentaw soluzzjonijiet globali għall-isfidi globali, bil-ħsieb ta' dinja aktar sikura u aħjar għal kulħadd.

3. Fl-2020, ser niċċelebraw il-75 anniversarju tan-Nazzjonijiet Uniti. Dan ser ikun mument uniku biex nikkonfermaw l-involviment tagħna man-NU, u l-impenn tagħna għall-valuri u l-prinċipji tagħha u għall-multilateraliżmu. Il-multilateraliżmu huwa l-unika soluzzjoni effettiva fid-dinja kumplessa tal-lum, bil-ħafna sfidi globali li għandha. Dinja li qed tinbidel malajr teħtieġ **aktar sforzi ta' diplomazija pubblika** bħala appoġġ għall-kooperazzjoni internazzjonali u titlob **Nazzjonijiet Uniti mġedda b'riżultati għal kulħadd**. Hija r-responsabbiltà komuni tagħna li nuru l-**valur miżjud u r-relevanza tan-NU**, u li nagħtu prova li taqdi l-aspirazzjonijiet demokratiċi tan-nies madwar id-dinja u li tkun ta' benefiċċju għalihom. B'dan il-mod, l-UE ser tkompli taħdem man-Nazzjonijiet Uniti u tappoġġaha, bħala parti mill-isforzi tagħha biex **tippromwovi, tiżviluppa u tirrifirma** l-ordni internazzjonali bbażat fuq ir-regoli.
4. Għan-NU, dak li huwa importanti llum u fil-ġejjieni huma l-effettività u r-responsabbiltà. L-UE ser tappoġġa r-riformi meħtieġa tal-korpi u l-organi tas-sistema tan-NU, inkluż ir-riforma komprensiva tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU, biex tagħmilhom aktar effettivi, trasparenti, demokratiċi, rappreżentattivi u responsabbli. L-**implimentazzjoni effettiva tar-riformi tas-Segretarju Ġenerali tan-NU**, inkluż l-implimentazzjoni fuq il-post u bejn l-aġenziji, il-fondi u l-programmi tan-NU, flimkien mal-Assemblea Ġenerali tan-NU b'ħajja ġdida, hija essenzjali għal **NU aktar flessibbli u effiċjenti**. Huwa għalhekk li l-UE ser tibqa' **minn ta' quddiem biex tinkoraġġixxi r-riforma**, kif ukoll il-**finanzjament sostenibbli tan-NU**, u ser tippromwovi l-implimentazzjoni effettiva tagħha biex tikseb ir-riżultati.
5. Illum, l-UE hija punt ta' referenza għan-netwerk globali b'appoġġ għal multilateraliżmu effettiv. F'dan l-isforz, qed ninvestu fi sħubiji ġodda biex nappoġġaw l-aġenda multilaterali bl-aktar mod effettiv, strateġiku u flessibbli, filwaqt li nibqgħu leali għar-regoli u l-prinċipji tal-Karta tan-NU. F'kuntest multilaterali li qed jevolvi, jeħtieġ li nibnu pontijiet u nwessgħu d-djalogu. Il-kooperazzjoni trilaterali bejn l-UA, l-UE u n-NU hija eżempju ta' multilateraliżmu effettiv li qed taħdem, paradigma ġdida li tgħaqqad il-forzi ma' atturi internazzjonali u reġjonali biex tindirizza l-isfidi globali.

6. L-UE ser tibqa' magħquda biex tippromwovi lin-NU, il-prinċipji u l-għanijiet tagħha, filwaqt li titkellem b'vuċi waħda u ssaħħaħ il-kapaċità tagħha bħala attur globali fix-xena multilaterali. F'dan ir-rigward, l-unità tal-UE hija essenzjali biex timmassimizza l-influenza tagħna bħala appoġġ għall-valuri komuni tagħna. Il-preżenza qawwija tal-Istati Membri tal-UE fil-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU kif ukoll fil-Kunsill tad-Drittijiet tal-Bniedem ser tikkontribwixxi għal momentum pożittiv. Ir-rwol tal-UE u tal-Istati Membri tagħha, li kollettivament huma l-akbar kontributor uniku għan-NU, għandu jgħin biex jiffaċilita dan il-proċess.
7. Filwaqt li jagħrfu l-importanza tan-Nazzjonijiet Uniti fil-qalba ta' multilateraliżmu effettiv, l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha<sup>1</sup>, sakemm iddum l-74 sessjoni tal-Assemblea Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti, ser jikkonċentraw fuq it-tliet prijoritajiet li ġejjin li huma marbuta flimkien u li jsaħħu lil xulxin:

***I. IL-PREVENZJONI TA' KONFLITTI, IL-PAĊI U S-SIGURTÀ***

***II. AĠENDA POŻITTIVA KOMUNI***

***III. L-IMPENN GĦAL SFIDI GLOBALI***

**I. IL-PREVENZJONI TA' KONFLITTI, IL-PAĊI U S-SIGURTÀ**

8. Fi żminijiet ta' kompetizzjoni ġeostrateġika dejjem tikber, irridu nindirizzaw sfidi ġodda għall-paċi globali. L-intensità u l-kumplessità dejjem jiżdiedu tal-kriżijiet madwar id-dinja jipperikolaw il-ħajja ta' miljuni, jikkawżaw livelli mingħajr paragun ta' ċaqliq sfurzati u jpoġġu d-drittijiet tal-bniedem f'riskju. It-tibdil fil-klima jaġixxi bħala multiplikatur tat-theddid, b'implikazzjonijiet serji għall-paċi u s-sigurtà madwar id-dinja. Quddiem konflitti aktar kumplessi, vjolenti u mtawla, l-UE ser issaħħaħ ir-rwol tagħha bħala fornitur globali tal-paċi u s-sigurtà.

---

<sup>1</sup> F'dan id-dokument kollu, l-użu ta' "UE" ma jippreġudikax il-kwistjoni dwar jekk il-kompetenza hijiex tal-"UE", tal-"UE u l-Istati Membri tagħha" jew esklużivament tal-"Istati Membri".

9. **Il-prevenzjoni ta' konflitti** hija għodda kritika biex tirrispondi għal dawn l-isfidi. Għandna nirfinaw il-fokus tal-impenn kollettiv tagħna u nqanqlu l-isforzi konġunti. Kemm l-UE kif ukoll in-NU għamlu l-prevenzjoni ta' konflitti mira strateġika u issa għandhom jaħdmu għall-implimentazzjoni tagħha. Id-djalogu bejn l-UE u n-NU dwar il-prevenzjoni ta' konflitti ser ikun strumentali biex iġib bidla reali fuq il-post permezz ta' aktar operazzjonalizzazzjoni tal-isforzi preventivi, tal-konsolidazzjoni tal-paċi u tal-aġenda taż-żamma tal-paċi, inkluż ir-Responsabbiltà ta' Protezzjoni (RtoP). Ir-rabta ta' twissija bikrija ma' azzjoni bikrija hija essenzjali biex jittaffew ir-riskji ta' tifqigħa u ta' rikorrenza ta' konflitti. Il-prevenzjoni ta' konflitti ser tibqa' wkoll fil-qalba tal-azzjonijiet konġunti tagħna biex l-operazzjonijiet ta' paċi u l-immaniġġar ta' kriżijiet isiru aktar effettivi u sostenibbli. Ser inkomplu nappoġġaw u nsaħħu b'hegħa l-isforzi ta' **medjazzjoni** bin-NU tkun minn ta' quddiem fir-rigward taż-żieda fid-diplomazija għall-paċi. L-inklużjoni sinifikanti tan-nisa u ż-żgħażaġhija kruċjali għall-prevenzjoni effettiva ta' konflitti, il-medjazzjoni u l-konsolidazzjoni tal-paċi. L-UE ser tesplora modi biex issaħħaħ il-Kummissjoni għall-Konsolidazzjoni tal-Paċi tan-NU, pjattaforma importanti għall-Istati Membri biex jinvolvu ruħhom fl-appoġġ għall-konsolidazzjoni tal-paċi u ż-żamma tal-paċi, inkluż permezz tal-interazzjoni msaħħa tagħha mal-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU. L-UE ser issaħħaħ ukoll il-kooperazzjoni trilaterali man-NU u l-Bank Dinji biex tgħin lill-pajjiżi milquta minn konflitt biex jippjanaw u jimplimentaw irkupru sostenibbli u fi żmien qasir.
10. Iż-żamma tal-paċi tan-NU teħtieġ ukoll l-attenzjoni kontinwa tagħna. L-UE u l-Istati Membri tagħha ssieħbu fl-inizjattiva tal-Azzjoni dwar iż-Żamma ta' Paċi (A4P) tas-Segretarju Ġenerali tan-NU u gēddu l-impenn politiku tagħhom għal operazzjonijiet ta' żamma tal-paċi bil-ħsieb li jagħmluhom tajbin għall-futur. Is-suċċess issa jiddependi fuq id-determinazzjoni kollettiva tagħna li nimplimentaw dawn l-impenji, partikolarment permezz ta' appoġġ politiku u finanzjarju. L-Istati Membri tal-UE flimkien jikkontribwixxu għal terz tal-baġit tan-NU għaż-żamma tal-paċi, li huwa aktar minn kwalunkwe mexxej globali ieħor.

11. L-impenn b'saħħtu tal-UE għall-inizjattiva tal-Azzjoni dwar iż-Żamma ta' Paċi ser jibqa' jiġi rifless matul is-**sħubija strateġika** msaħħa **bejn l-UE u n-NU dwar l-operazzjonijiet ta' paċi u l-immaniġġar ta' kriżijiet**. L-implimentazzjoni tal-prijoritajiet il-ġodda (2019-2021) hija bbażata fuq il-valur miżjud u l-vantaġġi rispettivi tagħna, billi tibni fuq il-kisbiet u s-sinerġiji sinifikanti tagħna. Il-maġġoranza tal-missjonijiet u l-operazzjonijiet tal-UE jiġu skjerati fl-istess teatru bħal tal-missjonijiet tan-NU. Ser inkomplu l-kooperazzjoni mill-qrib mal-missjonijiet u l-operazzjonijiet tan-NU fuq il-post, billi naħdmu biex niżguraw il-kumplimentarjetà tal-isforzi, kif ukoll il-kondiviżjoni ta' riżorsi ta' benefiċċju reċiproku kull meta jkun possibbli. Il-promozzjoni tal-implimentazzjoni tal-aġenda dwar in-Nisa, il-Paċi u s-Sigurtà ser tibqa' fil-qalba tal-impenn tagħna li ntejbu l-koerenza u l-integrazzjoni tal-perspettiva tal-ugwaljanza bejn l-irġiel u n-nisa matul il-kooperazzjoni kollha tagħna. Ser inkomplu mmexxu 'l quddiem l-aġenda għaż-Żgħażaġħ, il-Paċi u s-Sigurtà billi nirrikonoxxu r-rwol kruċjali li jaqdu ż-żgħażaġh fil-konsolidazzjoni tal-paċi u fiż-żamma tal-paċi. Il-protezzjoni ta' persuni ċivili għandha tkun fil-qalba tal-operazzjonijiet ta' paċi.
12. Is-sħubiji ma' organizzazzjonijiet reġjonali huma ċentrali għall-arkitettura tal-paċi u s-sigurtà tan-NU. Il-kooperazzjoni tagħna mal-operazzjonijiet ta' paċi mmexxija min-naħa Afrikana u l-appoġġ tagħna għalihom huma kontribut konġunt għall-paċi u s-sigurtà reġjonali u globali. L-Unjoni Afrikana hija s-sieħba ewlenija tal-UE f'dan l-isforz. Iż-żamma tal-paċi tista' tinkiseb biss permezz ta' approċċ inklużiv u integrat, imsejjes fuq sħubiji reġjonali u internazzjonali wesgħin, profondi u dejjiema, li l-UE ser trawwem u tappoġġa.

## II. AĠENDA POŻITTIVA KOMUNI

13. L-UE ser tkompli turi tmexxija fit-tmexxija 'l quddiem tal-aġenda pożittiva komuni tagħna. L-UE tirrappreżenta l-valuri fundaturi tagħha u ser tkompli tissieħeb ma' oħrajn biex tippromwovihom u tiddefendihom. Fi żminijiet fejn xi pajjiżi qed iqajmu dubji dwar l-universalità tad-drittijiet tal-bniedem u l-ispazju tas-soċjetà ċivili qed jonqos, impenn b'saħħtu **fil-promozzjoni u l-protezzjoni tad-drittijiet tal-bniedem** ser ikun fil-qalba tas-šhubija tal-UE man-NU. L-UE ser tkompli tkun attur ewlieni fil-fora multilaterali dwar id-drittijiet tal-bniedem u ser tippromwovi attivament is-sistema tad-Drittijiet tal-Bniedem tan-NU. It-tiŝiħ tas-šhubiji ma' atturi governattivi u mhux governattivi - inkluż s-soċjetà ċivili u s-settur privat - huwa kritiku għall-impenn kontinwu tal-UE għall-protezzjoni u l-promozzjoni tar-rispett għad-drittijiet tal-bniedem, id-demokrazija u l-istat tad-dritt, l-ispazju tas-soċjetà ċivili, l-iżvilupp sostenibbli u l-paċi, kif ukoll il-ġlieda kontra l-impunità għall-ksur u l-abbuż tad-drittijiet tal-bniedem. L-irfiġh tar-responsabbiltà għall-ksur tad-dritt internazzjonali dwar id-drittijiet tal-bniedem u tad-dritt umanitarju internazzjonali hija essenzjali biex jerġgħu jinbnew is-soċjetajiet wara l-konflitt u tiġi żgurata paċi dejjiema.
14. L-UE ser tkompli trawwem narrattiva pożittiva dwar id-drittijiet tal-bniedem u ser tippromwovi l-kondiviżjoni ta' inizjattivi ta' suċċess tad-drittijiet tal-bniedem minn stati u atturi oħra li jibnu fuq l-inizjattiva ta' Stejjer Tajbin dwar id-Drittijiet tal-Bniedem immexxija mill-UE mnedija s-sena l-oħra. L-UE ser tkompli tinvolvi ruħha b'mod attiv fi sforzi globali biex tinkiseb l-ugwaljanza bejn l-irġiel u n-nisa, it-tgawdija sħiħa tad-drittijiet tal-bniedem kollha min-nisa u l-bniet kollha u t-tiŝiħ tal-pożizzjoni tagħhom, filwaqt li tirrikonoxxi l-ħtieġa li toponi bis-sħiħ ir-reazzjoni negattiva kontra d-drittijiet tan-nisa u tal-bniet. L-UE ttenni l-impenn tagħha li tippromwovi u tipproteġi d-drittijiet tat-tfal. L-integrazzjoni tad-drittijiet tal-bniedem u tal-perspettiva tal-ugwaljanza bejn l-irġiel u n-nisa fil-ħidma kollha tan-NU ser tibqa' prijorità ewlenija. Huwa wkoll vitali li l-UE tkompli tappoġġa l-isforzi tas-Segretarju Ġenerali tan-NU għall-prevenzjoni tal-isfruttament u l-abbuż sesswali u l-fastidju sesswali. L-UE ser tftitex sinerġiji akbar bejn il-ħidma tal-Kunsill tad-Drittijiet tal-Bniedem f'Ġinevra u dik tal-Assemblea Ġenerali tan-NU u l-Kunsill tas-Sigurtà fi New York. L-UE ser tkompli tappoġġa Kunsill għad-Drittijiet tal-Bniedem b'saħħtu u effiċjenti, bħala parti mir-riforma usa' tan-NU, filwaqt li tipproteġi l-kisbiet tal-Kunsill u tirrikonoxxi r-rwol uniku u l-valur miżjud tiegħu fil-promozzjoni u l-protezzjoni tad-drittijiet tal-bniedem madwar id-dinja, kif ukoll il-potenzjal ta' prevenzjoni tiegħu.

15. Din hija sena kritika għall-iżvilupp sostenibbli u l-azzjoni klimatika fil-livell tan-NU. Is-**Summit dwar l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli** tal-24 u l-25 ta' Settembru 2019 ser ikun opportunità f'waqtha biex jerġa' jissaħħa il-momentum politiku għall-kisba tal-Aġenda tal-2030 u l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli tagħha u l-Aġenda ta' Azzjoni ta' Addis Ababa dwar il-Finanzjament għall-Iżvilupp kif ukoll is-sinerġiji mal-Ftehim ta' Pariġi dwar Tibdil fil-Klima. Azzjoni aċċellerata hija prijorità ġenerali tal-UE u hija essenzjali biex titmexxa 'l quddiem l-implimentazzjoni ta' dan il-pjan ta' azzjoni fil-livelli kollha ta' governanza, għan-Nies, il-Pjaneta, il-Prospertà, il-Paċi u s-Sħubija għall-ġenerazzjonijiet attwali u futuri tad-dinja. Is-Summit dwar l-SDGs huwa mument kruċjali biex titressaq 'il quddiem it-trasformazzjoni meħtieġa lejn żvilupp sostenibbli, li tibni fuq l-ispirtu pożittiv tal-Aġenda. L-UE ser tassumi rwol fejn toħloq alleanza għal riżultat ambizzjuż tas-Summit bil-għan li jinkisbu l-SDGs, jinqered il-faqar u ħadd ma jitħalla lura. L-UE tilqa' l-laqgħa ta' Livell Għoli tal-Assemblea Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti (AĠNU) dwar il-Kopertura tas-Saħħa Universali li ser tnedi sforzi ġodda biex tipprovdi aċċess għal kulħadd għal sistemi tas-saħħa bi prezz raġonevoli, inklużivi u reżiljenti. L-UE ser taqdi rwol attiv fir-reviżjoni u r-riforma tal-Forum Politiku ta' Livell Għoli dwar l-Iżvilupp Sostenibbli (HLPF) li għandu jinbeda fl-Assemblea Ġenerali tan-NU fil-ħarifa 2019. L-UE u l-Istati Membri tagħha jtenu l-impenn tagħhom li jappoġġaw l-iżvilupp sostenibbli permezz tal-implimentazzjoni tal-Aġenda 2030 kemm lokalment kif ukoll madwar id-dinja, flimkien mal-isforzi nazzjonali, fi sħubija mal-atturi rilevanti kollha.

16. **It-tibdil fil-klima** huwa l-kwistjoni definittiva ta' żminijietna. L-UE tirrikonoxxi li l-livell attwali ta' sforzi huwa fil-parti l-kbira tiegħu insuffiċjenti biex tinkiseb l-ambizzjoni globali li wiegħdu l-Partijiet fil-Ftehim ta' Pariġi. Hija kwistjoni ta' urġenza kbira li jissaħħaħ ir-rispons globali u biex tittieħed azzjoni deċiżiva, inkluż dwar l-implimentazzjoni ta' ftehimiet internazzjonali, kif mgħarraf mill-aħħar sejbiet xjentifiċi rrappurtati mill-Grupp Intergovernattiv ta' Esperti dwar it-Tibdil fil-Klima (IPCC). L-UE tilqa' s-Summit imsejjaħ mis-Segretarju Ġenerali tan-NU fit-23 ta' Settembru 2019 "A Race We Can Win. A Race We Must Win" bħala opportunità importanti biex tintwera azzjoni trasformattiva mill-atturi kollha li jaħdmu flimkien u biex ikun hemm aktar insistenza fuq azzjoni klimatika aktar ambizzjuża. Is-sinerġiji bejn l-azzjoni klimatika u l-implimentazzjoni tal-SDGs kif ukoll l-Aġenda ta' Azzjoni ta' Addis Ababa dwar il-Finanzjament għall-Iżvilupp għandhom jiġu enfasizzati kemm fis-Summit dwar l-Azzjoni Klimatika kif ukoll fis-Summit dwar l-SDGs. Irridu nibagħtu s-sinjali lill-partijiet ikkonċernati u lin-nies madwar id-dinja li l-komunità internazzjonali verament qed tiddedika sforzi sostanzjali biex tindirizza t-tibdil fil-klima u li din l-opportunità m'għandhiex tintilef. Aħna determinati li ngħollu l-ambizzjoni globali u nappoġġaw l-implimentazzjoni tal-Kontributi Stabbiliti fil-Livell Nazzjonali li jwasslu għal azzjoni klimatika aċċellerata fuq il-livelli kollha. Aħna ser inkomplu naħdmu mill-qrib mal-imsieħba fl-oqsma tal-adattament u l-mezzi ta' implimentazzjoni, filwaqt li nirrikonoxxu l-importanza tagħhom biex jintlaħqu l-għanijiet fit-tul tal-Ftehim ta' Pariġi. Nappoġġaw bis-siħ il-Mekkaniżmu ta' Sigurtà tal-Klima maħluq reċentement biex jindirizza l-impatti tat-tibdil fil-klima fuq l-istabbiltà u s-sigurtà madwar id-dinja. F'dan ir-rigward, aħna nirrikonoxxu l-ħtieġa għal għodod aħjar għal twissija bikrija u intervent bikri f'kundestji fraġli.

17. Flimkien mat-tibdil fil-klima, it-tnaqqis globali fil-**bijodiversità** huwa theddida attwali għall-umanità. Is-sena d-dieħla għandu jidher riżultat ta' suċċess għan-negozjati ambjentali internazzjonali ewlenin dwar il-qafas globali għall-bijodiversità wara l-2020, inkluż il-ħidma bi tħejjija għas-Summit tal-Mexxejja dwar il-Bijodiversità fl-AĠNU f'Settembru 2020. L-UE ser tkompli ssaħħaħ il-governanza internazzjonali tal-oċeani u ser tinvolvi ruħha ma' msieħba fit-tħejjija tal-Konferenza tan-NU dwar l-Oċean 2020 kif ukoll fl-elaborazzjoni ta' Trattat skont il-Konvenzjoni tan-NU dwar il-Liġi tal-Baħar dwar il-**konservazzjoni u l-użu sostenibbli tad-diversità bijoloġika tal-baħar ta' żoni lil hinn mill-ġurisdizzjoni nazzjonali (BBNJ)**. L-UE ser tkompli tinvolvi ruħha b'mod kostruttiv fil-proċess tan-NU għal **Patt Globali għall-Ambjent** skont ir-rakkomandazzjonijiet tal-grupp ta' ħidma miftuħ.
18. L-UE ser tkompli ssaħħaħ l-impenn diplomatiku tagħha dwar l-**immaniġġar sostenibbli tal-ilma** bħala għodda għall-paċi, is-sigurtà u l-istabbiltà u ser trawwem approċċi ta' kooperazzjoni biex tindirizza sfidi transkonfinali relatati.

### **III. L-IMPENN GĦAL SFIDI GLOBALI**

19. Fid-dinja dejjem aktar globalizzata tal-lum, l-isfidi globali jeħtieġu soluzzjonijiet globali. Xejriet ta' portata enormi, bħaż-żieda fil-mobbiltà tal-bniedem u l-iżvilupp mgħaġġel ta' teknoloġiji ġodda bħall-Intelliġenza Artifiċjali, qed isawru l-futur tagħna. L-effetti tal-globalizzazzjoni kkombinati ma' dawk tal-bidla teknoloġika, ambjentali u demografika qed jittrasformaw id-dinja tax-xogħol b'pass u skala bla preċedent u jippreżentaw sfidi u opportunitajiet għall-futur tax-xogħol. Dawn il-bidliet trasformattivi jitolbu azzjoni deċiżiva, solidarjetà akbar u sħubiji aktar b'saħħithom bil-ħsieb ta' globalizzazzjoni ġusta u futur aħjar u aktar sostenibbli għal kulħadd b'rispett sħiħ għad-drittijiet tal-bniedem.

20. L-ebda pajjiż ma jista' jindirizza l-**migrazzjoni u ċ-ċaqliq sfurzat** waħdu, kemm fl-Ewropa kif ukoll f'postijiet oħra tad-dinja. L-UE qed taħdem mas-sħab – pajjiżi ta' orġini, tranżitu u destinazzjoni kif ukoll organizzazzjonijiet internazzjonali – biex tindirizza dawn l-isfidi b'mod konġunt, inkluż fil-qafas tan-NU. L-UE ser tkompli ssegwi l-approċċ komprensiv tagħha għall-migrazzjoni u ċ-ċaqliq sfurzat, inkluż biex tindirizza l-migrazzjoni irregolari, permezz tal-bini ta' sħubiji effettivi, sostenibbli u mfassla apposta u kooperazzjoni aktar mill-qrib bejn atturi umanitarji u ta' żvilupp, kif ukoll mas-soċjetà ċivili, bil-għan li jiġu sfruttati u msaħħa r-reżiljenza u l-awtonomija kemm tal-komunitajiet ospitanti kif ukoll tal-persuni mċaqilqa b'mod sfurzat, inkluż il-persuni mċaqilqa internament. Ir-relazzjoni b'saħħitha man-NU fil-kuntest tal-kooperazzjoni trilaterali bejn l-UA, l-UE u n-NU għenet biex tiġi indirizzata s-sitwazzjoni tal-migranti u r-refuġjati fil-Libja.
21. Is-sħubija umanitarja bejn l-UE u n-NU, stabbilita fil-Kunsens Ewropew dwar l-Għajnuna Umanitarja, uriet il-valur tagħha matul is-snin. Aħna ser inkomplu nibnu fuq l-impenn komuni tagħna lejn il-**preservazzjoni tal-ispazju umanitarju u t-titjib tas-sistema ta' rispons umanitarju**. Il-protezzjoni tal-persuni ċivili, l-iżgurar tar-rispett għal-liġi umanitarja internazzjonali, u l-għoti ta' assistenza bbażata fuq il-ħtiġijiet, skont il-prinċipji umanitarji tal-umanità, in-newtralità, l-imparzjalità u l-indipendenza, ser jibqgħu l-pedament tal-impenn tagħna. F'dan il-perijodu kruċjali, ikkaratterizzat mis-70 anniversarju tal-Konvenzjonijiet ta' Ġinevra tal-1949, l-UE u n-NU ser jibnu fuq is-sħubija tagħna fl-appoġġ ta' impenn imġedded biex jiżguraw konformità mal-liġi umanitarja internazzjonali, kif ukoll jiżguraw li miżuri u sanzjonijiet kontra t-terroriżmu ma jimpedixxux assistenza umanitarja bbażata fuq il-prinċipji u jikkonformaw mad-dritt internazzjonali, b'mod partikolari d-dritt umanitarju internazzjonali, id-dritt internazzjonali dwar id-drittijiet tal-bniedem u l-liġi internazzjonali dwar ir-refuġjati. L-UE ser tkompli tippromwovi l-prevenzjoni u r-rispons għall-vjolenza sessista f'każijiet ta' emerġenza.

22. L-UE ser tkompli tappoġġa l-opportunitajiet dejjem jikbru li d-**diġitalizzazzjoni**, it-teknoloġiji emerġenti u l-Intelliġenza Artifiċjali qed joħolqu għall-ekonomija diġitali u l-iżvilupp sostenibbli, filwaqt li tindirizza wkoll ir-riskji ta' sigurtà li jistgħu joħolqu. L-UE ser tippromwovi trasformazzjoni diġitali bil-bniedem fil-qalba tagħha bħala strument biex tindirizza l-isfidi globali, kif ukoll biex tikkontribwixxi għall-kisba tal-SDGs, inkluż għall-futur tax-xoġhol u tal-edukazzjoni. L-UE ser tieġu l-impenn li ssegwi r-rapport tal-Grupp ta' Livell Għoli tas-Segretarju-Ġenerali tan-NU biex tmexxi 'l quddiem il-kooperazzjoni diġitali, billi tibni fuq il-konsultazzjonijiet diġà mibdija mal-Grupp għat-Teknoloġija Globali tal-UE. Kooperazzjoni diġitali effettiva u inklużiva fost il-Gvernijiet, is-settur privat, is-soċjetà ċivili, id-dinja akkademika, il-komunità teknika, is-sħab soċjali u partijiet ikkonċernati oħra hija strumentali biex tiżgura futur diġitali sikur u inklużiv għal kulħadd, f'konformità mad-dritt internazzjonali dwar id-drittijiet tal-bniedem. L-UE ser tkun sostenitur qawwi tal-kooperazzjoni fis-sistema usa' tan-NU dwar is-sigurtà, it-teknoloġija, l-iżvilupp sostenibbli u d-diplomazija.
23. Sabiex issaħħaħ l-ordni internazzjonali bbażat fuq ir-regoli, l-UE ser tippromwovi l-applikazzjoni sħiħa tal-liġi internazzjonali eżistenti dwar iċ-ċyberspazju. Ser tappoġġa l-iżvilupp u l-implimentazzjoni ta' normi fakultattivi mhux vinkolanti ta' mgħiba responsabbli tal-Istat kif ukoll miżuri reġjonali għat-tiżiħ tal-fiduċja kif stabbilit fir-rapporti mill-Grupp ta' Esperti Governattivi tan-NU approvati unanimament mill-Assemblea Ġenerali tan-NU. F'dan il-kuntest, l-UE tilqa' l-istabbiliment tal-Grupp ta' Esperti Governattivi tan-NU u grupp ta' ħidma miftuħ (OEWG), ser jieġu sehem attiv f'dawn iż-żewġ proċessi. L-UE ser tippromwovi l-Konvenzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa dwar iċ-Ċiberkriminalità bħala l-qafas ta' referenza għall-kooperazzjoni fl-indirizzar taċ-ċiberkriminalità u ser tkompli tappoġġa sforzi konġunti biex jinbnew l-kapaċitajiet f'dan ir-rigward.

24. **Il-Ġlieda Kontra t-Terroriżmu u l-prevenzjoni/il-ġlieda kontra l-estremiżmu vjolenti** jibqgħu prijoritajiet għoljin għall-UE. L-UE hija impenjata lejn kooperazzjoni multilaterali biex tindirizza t-theddid globali tat-terroriżmu f'konformità sħiħa mal-istat tad-dritt u d-dritt internazzjonali, inkluż id-dritt dwar id-drittijiet tal-bniedem u d-dritt umanitarja internazzjonali. L-Istrateġija Globali tan-NU għall-Ġlieda Kontra t-Terroriżmu, il-Pjan ta' Azzjoni għall-Prevenzjoni Kontra l-Estremiżmu Vjolenti, kif ukoll ir-risoluzzjonijiet rilevanti tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU u l-AĠNU huma fil-qalba tal-isforzi tal-UE għall-ġlieda kontra t-terroriżmu u l-estremiżmu vjolenti. L-UE ser tippromwovi l-implimentazzjoni sħiħa tal-Patt Globali tan-NU għall-Koordinazzjoni tal-Ġlieda Kontra t-Terroriżmu u kooperazzjoni eqreb man-NU fl-oqsma ta' prijorità għall-2018-2020 identifikati fil-Qafas tal-UE-NU dwar il-Ġlieda Kontra t-Terroriżmu. L-UE ser tappoġġa t-tisħiħ tal-kooperazzjoni bejn in-NU u l-Forum Globali Kontra t-Terroriżmu. L-UE tagħti importanza kbira lil approċċ olistiku biex tiġġieled it-terroriżmu billi tagħti s-setgħa lill-approċċi li jinvolve diversi aġenziji għall-prevenzjoni tar-radikalizzazzjoni; ma tħallix it-tixrid ta' kontenut terroristiku online u tippromwovi narrattivi alternattivi kredibbli; issaħħaħ l-infurzar tal-liġi, il-kooperazzjoni ġudizzjarja u l-iskambju tal-informazzjoni kif ukoll il-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus u l-ġlieda kontra l-finanzjament tat-terroriżmu. L-UE tissottolinja l-importanza tal-prosekuzzjoni ta' Ġlieda Terroristi Barranin li jirritornaw filwaqt li tagħti attenzjoni speċjali lis-sitwazzjoni ta' nisa u tfal li jakkumpanjawhom. L-UE tenfasizza wkoll il-ħtieġa li jitnaqqsu s-sorsi tal-finanzjament tat-terroriżmu, biex tittejjeb ir-reżiljenza u biex tingħata għajjnuna komprensiva lill-vittmi tat-terroriżmu.

25. L-UE ttenni l-appoġġ sħiħ tagħha għall-integrità tal-**arkitettura internazzjonali tan-nonproliferazzjoni u d-diżarm**. L-UE ser tkompli tiġġieled il-proliferazzjoni ta' armi ta' qerda massiva u l-mezzi ta' kunsinna tagħhom, inkluż b'mod partikolari missili ballistiċi, u ser tkompli tintensifika l-isforzi biex tiżgura li jittieħdu miżuri effettivi biex jindirizzaw kwistjonijiet oħra ta' diżarm relatati ma' armi nukleari, kimiċi, bijoloġiċi u konvenzjonali u għall-kontroll tal-esportazzjoni. Fis-sena li ġejja, l-UE ser tiffoka b'mod partikolari fuq il-ħidma biex il-Konferenza ta' Reviżjoni 2020 tat-Trattat dwar in-Nonproliferazzjoni tal-Armi Nukleari (TNP) tkun suċċess. Waqt li nirriflettu fuq il-ħafna kisbiet taħt TNP fil-ħamsin sena ta' eżistenza tiegħu, l-UE ser iżżomm u tippreserva t-TNP bħala strument multilaterali ewlieni għall-paċi, is-sigurtà u l-istabbiltà internazzjonali, u ser tippromwovi l-universalizzazzjoni u l-implimentazzjoni sħiħa tiegħu. Filwaqt li tirrikonoxxi l-ispazju bħala mutur għall-iżvilupp sostenibbli, l-UE ser tippromwovi s-sikurezza u s-sigurtà fl-ispazju extratmosferiku. F'dan ir-rigward, l-UE temmen li l-qbil dwar strument fakultattiv li jistabbilixxi standards ta' mgħiba responsabbli skont id-dritt internazzjonali eżistenti jista' jkun ta' siwi. L-UE ser timpenja ruħha biex ittemm l-istaġnar fit-tul waqt il-Konferenza dwar id-Diżarm.
26. L-UE tibqa' impenjata għall-kontroll effettiv tal-armi. L-UE tfakkar li ż-żewġ Stati ta' armi nukleari bl-akbar ħażniet ta' armamenti jerfġu responsabbiltà speċjali fil-qasam tal-kontroll tal-armi u d-diżarm nukleari. F'dan il-kuntest, nagħtu l-ogħla importanza lit-Trattat START il-Ġdid. L-UE ser tkompli tinkoraġġixxi lill-Istati Uniti u lill-Federazzjoni Russa biex ifittxu aktar tnaqqis fil-ħażniet ta' armamenti tagħhom. L-UE ser tinkoraġġixxi inizjattivi li jistgħu jikkontribwixxu għad-djalogu, il-bini tal-fiduċja, it-trasparenza, il-verifika, ir-rappurtar u t-tnaqqis tar-riskju, kif ukoll in-notifiki ta' sparar ta' missili.

27. L-UE ser tappoġġa l-isforzi kollha mmirati biex jiżguraw li daww kollha responsabbli għall-użu ta' armi kimiċi jerfġu r-responsabbiltà, b'mod partikolari billi tappoġġa l-ħidma tal-Organizzazzjoni għall-Projbizzjoni ta' Armi Kimiċi (OPCW) u tiżgura riżultat pożittiv fil-Konferenza tal-Istati Partijiet f'Novembru 2019. Id-dħul fis-seħħ u l-universalizzazzjoni tat-Trattat dwar il-Projbizzjoni Totali ta' Provi Nukleari (CTBT) kif ukoll l-aderenza universali mat-Trattat dwar il-Kummerċ tal-Armi (TKA) u tal-Kodiċi ta' Kondotta tal-Aja kontra l-Proliferazzjoni tal-Missili Ballistiċi (HCoC) u l-implimentazzjoni effettiva tagħhom jibqgħu l-oġġla prijoritajiet għall-UE bħall-universalizzazzjoni u t-tiżgura tal-Konvenzjoni dwar l-Armi Bijoloġiċi u Tossiċi u l-bini tal-kapaċitajiet operazzjonali għall-Mekkaniżmu tas-Segretarju Ġenerali tan-NU (UNSGM). L-UE ser taħdem ukoll biex ir-Raba' Konferenza ta' Reviżjoni tal-Konvenzjoni dwar il-Projbizzjoni tal-Mini kontra l-Persunal tkun suċċess. Aħna ser nimplimentaw l-Istrateġija l-ġdida tagħna kontra armi tan-nar illeċiti, armi ħfief u ta' kalibru żgħir (SALW). Ser inkomplu nappoġġaw l-isforzi lejn implimentazzjoni aħjar tar-Riżoluzzjoni 1540 tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU, bħala element ewlieni tal-arkitettura internazzjonali tan-nonproliferazzjoni.
28. Fid-dawl ta' dawn l-impenji li ilhom jeżistu, l-UE ddeċidiet li ssir sostenitur ta' erba' azzjonijiet dwar l-Aġenda tas-Segretarju Ġenerali tan-NU għad-Diżarm, inkluż dwar il-promozzjoni tad-dħul fis-seħħ tas-CTBT u li tibda n-negozjati immedjati fil-Konferenza dwar id-Diżarm dwar Trattat għall-Waqfien tal-Produzzjoni ta' Materjal Fissili (FMCT).

### **Is-setgħa mogħtija lil NU b'saħħitha u effettiva**

29. Hija r-responsabbiltà kollettiva tagħna li naħdmu lejn dinja aktar paċifika, sigura u għanja għall-ġenerazzjonijiet preżenti u futuri. Għalhekk aħna ser inkomplu ninvestu f'**NU b'saħħitha u effettiva**, sabiex tkun tista' taqdi r-rwol tagħha bħala s-sinsla tas-sistema multilaterali. L-UE, flimkien mal-Istati Membri tagħha, ser issaħħaħ is-sħubiji, tippromwovi d-drittijiet tal-bniedem u l-istat tad-dritt, u tappoġġa l-paċi, is-sigurtà, id-demokrazija u l-iżvilupp sostenibbli għal kulħadd.